# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT
## DR TONIO MICALLEF TRIGONA LL.D., Mag. Jur (EU Law).

Illum 9 ta' Lulju, 2001.

796/00

Il-Pulizija,
(Spettur Marisa Camilleri)
vs
George Mifsud Bonnici.

Il-Qorti:

Rat l-akkuzi kontra:

George Mifsud Bonnici, ta' 22 sena, bin Benny u Kate mwielda Desira, imwieled Tal-Pieta` u li joqghod 'Dar il-Gnien', Ta' Rumi, M'Scala u detentur tal-karta ta' l-identita` numru 275178(M);

U nakkuzah talli:

F'Marsascala fit-23 ta' Settembru ghal habta tal-12.00, bil-hsieb li jaghmel feriti ta' natura gravi (ai termini ta' l-Artikolu 216 tal-Kodici Kriminali) fuq il-persuna ta' Josephine Borg, wera' dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal ezekuzzjoni ta' dan id-delitt meta spara fid-direzzjoni ta' l-istess Josephine Borg b'senter ta' ghamla mhux maghrufa, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu.

Rat n-nota tal l-Avukat Generals sabiex il-kawza tinstemgha sommarjament mhux opposta mill-imputat;

Semghet l-provi inkluz l-imputat bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Il-prosekuzzjoni, fuq rapport li rceviet mill-kwerelanta fl-ghassa ta' Haz-Zabbar, qed isostni akkuza ta' attentat ta' feriti gravi kontra l-imputat waqt li allegatament huwa spara tiri b'arma tan-nar fid-direzzjoni tal-kwerelanta meta hi kienet qeghdha tonxor hwejjeg fuq il-bejt tar-razzett t'ommha li jinsab fil-lokalita` msejjha 'Tal Rumi', f'M'Scala.

Kien jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li tipprova din l-allegazzjoni. Mill-provi li gew prodotti hemm biss il-verzjoni tal-kwerelanta kontradetta mill-imputat in sostenn taghha.

Illi waqt li l-Qorti tista' temmen anka xhud wiehed biex issib reita` fil-kaz in disamine l-prova permezz biss tal-kwerelanta mhix tali, fic-cirkostanzi, li tinduci lil dina l-Qorti tiskarta l-massima 'in dubbio pro reo'.

Ghalhekk u stante li l-kaz ma giex sodisfacentement pruvat, tiddeciedi l-kawza billi tillibera lill-imputat minn kull htija u piena.

A. M. Trigona,
MAGISTRAT.

Niddikjara li ttraskrivejt bis-sewwa u fedelment, u skond l-ahjar taghrif u hila tieghi r-registrazzjoni tat-'tape'.

Albert P. Calleja,
Dep. Registratur.